MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru. 35/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Oman Galea ta' 19-il sena, bin Regina Muscat nee' Galea, imwieled Pieta' Malta, fit-22 ta' Novembru 1991 u residenti 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana detentur ta'l-karta ta'l-identita' numru 62092(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Oman Galea akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. talli nhar il-15 ta' Mejju 2008, f'xi hin matul il-gurnata gewwa r-residenza bin-numru 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex ikkometta serq ta' Cashlink Card mahruga mill-BOV mill-fond 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana Ghawdex, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta' Regina Muscat.
2. U aktar talli fl-istess data ghal habta tas-7:35 ta' fil-ghaxija ikkometta serq ta' €500 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl-akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn €232.94 izda inqas minn €2562.31 ghad-dannu ta' Regina Muscat.
3. U aktar talli fit-18 ta' Mejju 2008 ghal habta tal-4:00 ta' fil-ghaxija ikkometta serq ta' €100 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl-akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Regina Muscat.
4. U aktar talli fit-18 ta' Mejju ghal habta tas-6:24 ta' fil-ghaxija ikkometta serq ta' €100 billi permezz tal-Cashlink Card imsemmija aktar 'il fuq fl-akkuza (a) ghamel uzu u gibed is-somma imsemmija minn go Automatic Teller Machine tal-BOV li tinsab fiq Triq ir-Repubblika Rabat, Ghawdex liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Regina Muscat.
5. Akkuzat aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu aktar imhassra.

Rat l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Mejju 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li seraq lil ommu u cioe' lil Regina Muscat. Huwa akkuzat li seraq il-Cashlink Card tal-BOV li hija proprjeta' ta' ommu mill-handbag taghha waqt li kien qieghed fir-residenza taghhom u sussegwentement huwa uza l-istess card sabiex gibed is-somma ta' €700 fi tlett okkazzjonijiet separati. Fl-ewwel okkazzjoni huwa gibed is-somma ta' €500, u fiz-zewg okkazzjonijiet l-ohra gibed is-somma ta' €100 kull darba.

Illi l-uniku prova li ressqet il-prosekuzzjoni kienet ix-xhieda tal-pulizija li investigaw dana l-kaz u li raw lill-imputat jigbed il-flus fil-filmati mehuda minn CCTV tal-Bank of Valletta li kienet tinsab ezattament fuq l-ATM minn fejn ingibdu l-flus. Kemm l-Ispettur Frank Anthony Tabone kif ukoll il-PS1464 Michael Portelli isostnu li raw il-filmat u li hemmhekk gharfu lill-imputat. Madanakollu l-filmat qatt ma gie esebit quddiem il-Qorti u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex l-opportunita tivverifika hija stess dak illi raw l-imsemmija *investigating officers*.[1]

Illi omm l-imputat Regina Muscat ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' binha f'dina l-kawza ghalkemm kienet hija stess illi ghamlet ir-rapport lill-pulizija. Madanakollu ghalkemm hija taghzel li ma tixhidx, minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta illi hija rtirat il-kwerela minnha maghmula jew li hafret lil binha ghall-azzjonijiet tieghu.[2]

Illi l-imputat madanakollu fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija jammetti illi kien hu li ha l-Cashlink card mill-*handag* ta' ommu meta kien id-dar taghhom u li permezz tal-istess card huwa gibed l-ammont ta' €700 mill-bank. Ighid illi dawn il-flus nefaqhom f'xorb u xi hwejjeg.[3]

Illi l-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi

---

[1] Ara xhieda ta'l-Ispettur Tabone u tal-PS1464 a fols.29 u 26
[2] Ara xhieda ta' Regina Muscat a fol.27
[3] Ara stqarrija ta'l-imputat a fols.8 u 9

migjuba fil-konfront tieghu, inkluza l-akkuza dwar ir-recidiva u dana wara li rat is-sentenza esebita bhala Dokument FT1 a fol. 31 debitament ikkonfermata mill-Ispettur Josric Mifsud li kien l-ufficjal prosekutur fl-imsemmija kawza.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora dak mistqarr mill-Ufficjal tal-Probation li qed issegwi lill-imputat Chantelle Avellino minn fejn jirrizulta illi l-imputat ma tantx qed juri interess illi jipprova jirriforma hajtu. L-imputat madanakollu kien ghadu taht l-eta meta ikkommetta dawn ir-reati ghad-detriment ta’ ommu li fuq kollox ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tieghu f’dina l-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) (d)(e), 267, 268, 269(g), 279(a), 280(1), 49, 50, 37, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ hames xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------